# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-15 ta' Mejjju, 2024

Avviz tat-Talba numru: 150/2023 CL

It-Tribunal;

**Kevin Borg (KI nru 0192679M)**

**vs**

**Ivan Dordevic (KI nru 0179988M)**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-26 ta' April, 2023 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut jigi ordnat jhallas lill-attur is-somma ta' erbat elef euro (€4,000), rapprezentanti bilanc li ghadu dovut mill-konvenut skond l-iskrittura tat-22 t'Awwissu 2022. Bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali tat-13 ta' Marzu 2023 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie ipprezentat kontestwalment mal-istess ittra ufficjali u bl-imghaxijiet dekoribbli mit-3 t'April 2023 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut. Illi permezz ta' skrittura tat-22 ta' April 2022 (Dok A) il-konvenut ikkostitwixxa ruhu debitur tal-attur fl-ammont ta' tnax il-elf euro (€12,000) u dakinhar stess il-konvenut kien hallas lil-attur is-somma ta' erbat elef euro akkont. Illi sussegwentement il-konvenut ghamel pagament iehor ta' erbat elef euro biex b'hekk kien fadal il-bilanc ta' erbat elef euro. Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat mill-attur biex ihallas il-bilanc imsemmi ta' (€4000) permezz ta' ittra ufficjali 166A datat 13 ta' Marzu 2023 (Dok B) hu baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida.

Ra ir-risposta tal-konvenut li gie ipprezentatat fil-5 ta' Lulju 2023, fejn it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda peress illi l-partijiet kienu ghamlu *set off* tal-pendenzi f'din l-iskrittura kontra flejjes ta' pagi dovuti mill-attur lill-esponenti, fejn kien l-attur li kien baqa' dovut jhallas lill-esponenti bilanc u mhux vice versa, limitament fuq din il-kwistjoni partikolari u dan hekk kif ser jigi provat ahjar fit-trattazzjoni ta' din il-kawza u fil-kontro talba li qieghed jitressaq. Illi fil-kumplament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjez.

Illi il-konvenut ressaq kontro talba fejn spjega illi l-partijiet kellhom negozju flimkien u lhu kien impjegat mal-attur izda f'Awwissu 2022. Il-konvenut kien temm l-impjieg tieghu mal-attur u dan minhabba nuqqas ta' qbil fuq negozju u fit-22 ta' Awwissu 2022 kienu iffirmaw skruttura privata fejn il-konvenut kellu jhallas €12,000 lil-attur u kien hallas €4000 dakinhar stess.. Fl-24 ta' Ottubru 2022 kien hallas €4000 ohra u b'hekk kien baqa' bilanc ta' €4000. Illi bejn Settembru 2022 u Novembru 2022 il-konvenut kien ghadu ma thallasx tal-ammont dovut lilu ghax-xoghol illi kien ghamel ghall-attur fix-xhur ta' bejn Gunju u Awwissu u wara diversi trattativi, il-partijiet kienu ftehmu fuq ammont ta' erbat elef u mitejn euro fejn inhareg cheque a favur il-konvenut ta' €4,200 minghand id-dipartiment ta' Human Resources tal-attur Kevin Borg. Bi ftehiem sabiex jissaldaw l-ahhar pagament ic-cheque in kwistjoni kellu jigi *set off* mal-bilanc ta' €4000 b'dan illi l-ammont ta' €200 kellhom jghaddu lil-konvenut f'cash minghand l-attur hekk kif ser jigi ipprovat fil-provi izda Kevin Borg qatt ma ghadda l-€200 li kienu dovuti b'hekk kien qieghed jitlob li l-attur rikonvenzjonat Kevin Borg jigi iddikjarat debitur a favur Ivan Dordevic. Bl-ispejjes u bl-imghax mill-1 ta' Awwissu 2022 sad-data tal-hlas effettiv.

Rat ir-risposta tal-kontro talba pprezentat fit-30 ta' Awwissu 2023 fejn il-kontro talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kontro talba. Illi meta l-partijiet waslu ghal ammont ta' €12,000 kif gie indikat fl-iskrittura kienu ittiehdu il-pretensjonijiet tal-konvenut rikonvenzjonant relatati max-xoghol li kien ghamel l-istess konvenut fix-xhur bejn Mejju u Awwissu 2022 u ghalhekk jispetta unikament lill-konvenut li jressaq prova cara u skond il-ligi fost ohrajn skond l-Artikolu 562 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-pretenzjonijiet minnu vantati.

Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2023, l-attur kien iddikjara illi ma kellux xhieda viva voce u wara li jipprezenta tlett affidavit kien f'pozzizjoni li jaghlaq il-provi dwar i-talba tieghu. Fis- 6 ta' Dicembru 2023 gie ipprezentat l-affidavit ta' Kevin Borg bid-dokumenti annessi fejn iddikjara illi huwa jopera negozju f'ismu personali kif ukoll permezz ta' numru ta' kumpaniji minn gewwa ufficjini Birkirkara. Ivan Dordevic kien wiehed mill-impjegati ma' wahda minn dawn il-kumpaniji JK Security Ltd (C90106). Fl-2022 kienu bdew jaghmlu xi negozju flimkien tant illi waqqfu zewg kumpaniji a spejjez tieghu, KI Catering Ltd (C102096) u KI Recruitment Ltd ( C102502) fejn kellhom nofs l-ishma kull wiehed. Ir-relazzjoni ta' bejniethom bdiet sejra lura u f'Awwissu 2022 kienu ftehmu li l-impjieg ta' Ivan ma' JK Security Ltd jigi itterminat b'effett mill-10 ta' Awwissu 2022. Peress illi kellhom numru ta' pretensjonijiet kontra xulxin relatati mal-impjieg ta' Ivan kif ukoll man-negozju li kellhom flimkien kien hemm laqgha fl-ufficju ta' Birkirkara fit-22 ta' Awwissu 2022 li ghaliha kien hemm prezenti hu stess, missieru Alfred Borg, Ivan u Dr. Alexander Schembri. F'din il-laqgha wara li gew diskussi l-pretensjonijiet kemm tieghu li kien jinkludi flejjes li kienu gew avvanzati lil Ivan, kif ukoll l-pretensjonijiet ta' Ivan dwar pagi, bonuses u vacation leave sa Awwissu 2022, kien intlahaq il-ftehiem fejn Ivan ma jkollux aktar pretenzjonjiet kontra JK Security Ltd, hu jitrasferixxi l-ishma tieghi f'KI Catering Ltd u KI Recruitment Ltd lil Ivan u jirrezenja minn direttur u jigu paccuti l-ammonti kollha li kienu qeghdin jippretendu minn xulxin inkluz il-pretenzjonijiet ta' pagi li Ivan kellu jiehu minn JK Security Ltd. Wara li ssir din it-tpacija Ivan kellu jhallas lil attur is-somma ta' €12,000 a saldu tal-pretensjonijiet kollha fil-konfront ta' xulxin u Ivan kien hallas €4000 akkont. Ghalkemm kien intlahaq dan il-ftehiem Ivan ma riedx illi dan jsir bil-miktub ghax kien ser jhallas il-bilanc ta' €8000 sal-ahhar tas-sena 2022. Hu kien ipprapara skrittura semplici li tghid illi Ivan kien qieghed jhallas €4000 akkont mis-somma ta' €12,000. Din l-iskrittura giet iffirmata minnu u minn Ivan quddiem Alfred Borg u Dr. Alexander Sciberras u Ivan kien hallas €4000.

Ftit zmien wara kien hallas €4000 ohra izda l-ahhar bilanc ta' €4000 baqa' ma thallasx. Kienu bghatu ittra ufficjali u ghamlu mandat ta' sekwestru Dok KB2 u peress illi ivan kien ikkontesta din l-ittra kellu jiftah il-kawza. Hu kien fil-fatt ittrasferixxa l-ishma taz-zewg kumpaniji u irrizenja minn direttur Dok KB1.

Gie ipprezentat l-affidavit ta' Alfred Borg li ikkonferma li kien prezenti waqt il-laqgha tat-22 ta' Awwissu 2022 u l-fatti kif gew destritti fl-affidavit ta' Kevin Borg.

Fl-affidavit tal-Avukat Dottor Alexander Schembri ikkonferma illi Kevin Borg, li huwa klijent tieghu, kien talbu jkun prezenti ghal laqgha tat-22 ta' Awwissu 2022. Matul il-laqgha kien hemm prezenti Kevin Borg, Alfred Borg u Ivan Dordevic fejn irrizulta illi kien hemm dizgwit bejn Kevin Borg u Ivan Dordevic li kien impjegat ta' JK Security Ltd u kienu ghamlu ukoll xi negozju flimkien. Fil-laqgha gew diskussi l-pretenzjonijiet li Kevin u l-kumpaniji tieghu kellu kontra Ivan fejn kienu qeghdin jippretendu xi refuzjoni ta' flus li kienu avvanzaw lil Ivan u li kienu gew inkorsi biex gew iffurmati z-zewg kumpaniji, kif ukoll il-pretensjonijiet li Ivan kellu kontra Kevin u l-kumpaniji tieghu fosthom JK Security Ltd dwar pagi, bonuses, vacation leave u emolumenti simili u kumpens ghal-ispejjez li kien hareg Ivan ghal beneficcju ta' Kevin. Wara li gew diskussi l-pretensjonijiet kollha kien sar qbil illi l-kumpaniji ta' Kevin inkluz JK Services Ltd kellhom johorgu mill-istorja u Kevin kellu jitrasferixxi l-ishma taz-zewg kumpaniji lil Ivan u jirrizeja minn Direttur u Ivan kellu jhallas lil Kevin s-somma ta' €12,000 a saldu tal-pretenzjonijet kollha pendenti bejn Ivan, Kevin u l-kumpaniji ta' Kevin kollha. Kontra l-parir tieghu, Ivan ma riedx li jiffirma ftehiem dettaljat dwar kif kienu waslu ghas-somma ta' €12,000 u kif kienet ser tithallas din is-somma, ghax hu kien jaqbel perfettament mas-somma tant illi hallas €4000 dak inhar stess u l-bilanc ta' €8000 kellu jithallas sal-ahhar tas-sena 2022. Ivan kien dahal fl-ufficju u gie lura bl-iskrittura Dok A[1], li giet iffirmata minn Kevin u Ivan fil-prezenza tieghu u ta' Alfred Borg. li kienet a saldu tal-pretenzjonijiet bejn Kevin u Ivan u l-kumpaniji inkluz JK Security Ltd. Sussegwentament Kevin kien qallu li Ivan kien hallas €4000 izda l-bilanc ta' €4000 kien baqa' ma thallasx.

It-tlett affidavit li gew ipprezentati fis-6 ta' Dicembru 2023 gew innotifikati lil-konvenut fil-15 ta' Dicembru 2023 u inghalqu l-provi tal-attur. Illi fis-seduta tal-5 ta' Frar 2024 li kienet ghal provi tal-konvenut ma deher hadd u t-Tribunal iddeferixxa l-kawza ghal 10 ta' April 2024 b'dan illi jekk ma jigux ipprezentati l-provi dakinhar, il-provi tal-konvenut jigu maghluqa. Fl-10 ta' April 2024 il-konvenut rega' ma deherx u ghalhekk il-provi tal-konvenut gew maghluqa. L-attur iddikjara li ma kellux provi xi jressaq dwar il-kontro talba u talab illi l-kawza tmur ghas-sentenza.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Din il-kawza hija dwar talba sabiex jithallas il-bilanc li kien ghadu dovut mill konvenut skond l-skrittura tat-22 ta' Awwissu 2022. Mill-affidavit ta' Kevin Borg, Alfred Borg u Dr Alexander Borg jirrizulta illi kien hemm dizgwit bejn il-partijiet dwar pretenzjonijiet li kellhom kontra xulxin dwar ammonti dovuti relatati mal-impjieg ta' Ivan Dordevic ma' JK Security Ltd u ammonti dovuti lil xulxin relatati mal-negozju li kellhom flimkien. Illi

[1] Foll 5

saret laqgha fit-22 ta' Awwissu 2022 bejn il-partijiet fil-prezenza ta' Alfred Borg, missier l-attur u Dr. Alexander Sciberras fejn wara diskuzzjonijiet bejniethom waslu fi ftehiem illi Ivan Dordevic jhallas lil Kevin Borg is-somma ta' €12,000, u giet iffirmata skrittura. Dan il-hlas kellu jkun a saldu tal-pretensjonijiet kollha fil-konfront ta' xulxin u/jew il-kumpaniji li kien involut fihom Kevin Borg. Illi ghalkemm il-konvenut ikkontesta li l-ammont ta' €4000 kien ghadu dovut fir-risposta tieghu u sahansitra kien ipprezenta kontro talba fejn talab illi jsir *set off* milll-ammont dovut lill-attur peress illi hu kien dovut €4200 u jithallas ir-rimanentmi €200, hu naqas milli jipprezenta provi sabiex jikkontesta t-talbiet jew jsostni l-kontro talba.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut.

Ghalhekk fin-nuqqas tad-dehra tal-konvenut li jidher fiz-zewg dati stabbiliti ghas-smigh tal-kawza fejn il-konvenut kellu jipprezenta l-provi it-Tribunal laqa' t-talba tal-attur sabiex il-kawza tmur ghas-sentenza. Jirrizulta mill-provi mresqa li l-attur irnexxielu jipprova t-talba tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u jiddikjara l-konvenut debitur tal-attur fl-ammont ta' erbat elef euro (€4000) u jordna lil-istess konvenut jhallas l-ammont ta' €4000 lil-attur bl-interessi mit-3 ta' April 2023 sal-hlas effettiv. Jichad il-kontro talba tal-konvenut. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri kif ukoll tal-ittra ufficjali bil-procedura tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-mandat tas-sekwestru kawtelatorju ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**